**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 885/12**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**EMANUEL ELLUL**
**(ID: 24564M)**

**Illum, 10 ta' April 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **EMANUEL ELLUL**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 24564M gie akkuzat talli:

f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, rcieva minghand Cyril u Mary Rose konjugi Worley minn H'Attard, jew kiseb minghand l-istess Cyril u Mary Rose konjugi Worley, xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim'Imhallef, b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta, u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata mill-partijiet milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar 2019;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat gie mixli bir-reat ipotetizzat fl-Artikolu 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat ghalkemm gie introdott b'mod relattivament recenti fil-Kodici Kriminali, huwa fondat fuq il-principju tal-ligi civili illi li l-konvenzjoni affetta bl-uzura hija, ghal dak li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut. Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell f'sentenza tal-14 ta' Marzu 1938[1]:-

[1] **Carmelo Lia vs Emmanuele Genovese.**

"*II-konvenzjoni affetta b'uzura hija, ghal dik li jirrigwarda l-uzura, nulla b'mod assolut, jigifieri inezistenti, billi illecita ghax projbita mil-Ligi u hija illecita fir-rigward tal-mutwant ... Ghalhekk is-somma mhallsa bhala uzura ghandha tigi restitwita Iii min hallasha u ma tista' qatt tifforma oggett ta' obbligazzjoni naturali."*

**Osservazzjonijiet Preliminari**

Qabel xejn, il-Qorti tibda billi taghmel xi osservazzjonijiet preliminari dwar l-istqarrija rilaxxata mill-imputat liema stqarrija tinsab esebita a fol. 35 tal-atti.

Jirrizulta illi fiz-zmien meta ttiehdet din l-istqarrija, cioe` fis-sena 2012, l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrija ttiehed minghand l-imputat mhux biss minghajr il-presenza u assistenza ta' avukat izda minghajr lanqas ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu din l-assistenza legali.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[2] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[3], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[4], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

---

[2] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[3] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[4] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.

In propositu, fil-kaz **Dayanan vs Turkey**[5], il-Qorti Ewropea kienet irriteniet awtorevolment illi:-

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). … … …*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, <u>notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody</u>."* (sottolinejar tal-Qorti)

Illi meta ghalhekk il-ligi taghna eskludiet il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija billi, fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija minghand l-imputat odjern fis-sena 2012, ma kienx hemm disposizzjoni *ad hoc* li jinghata dan il-jedd lil persuna arrestata jew suspettata, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Il-Qorti tqis illi dan jghodd ukoll fil-kaz odjern minkejja li ma jirrizultax li saret xi dikjarazzjoni daqshekk inkriminanti fl-istqarrija moghtija mill-imputat. Hija wkoll tal-fehma illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal waqt l-interrogazzjoni li tkun saret minghajr ma jkun inghata d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istess interrogazzjoni, billi kien hemm mankanti s-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ma tistax tiqies li hija ammissibbli bhala prova valida fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna.

[5] Appl. No. 7377/03 deciz 13/10/2009.

Fil-kawza odjerna, mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li jkun ghaqli li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq, m'hijiex sejra taghmel uzu minn din l-istqarrija tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

**Elementi tar-Reat**

Jinsab pacifikatament ritenut illi l-elementi **materjali** tar-reat kif kontemplat mill-imsemmi Artikolu 298C, huma (i) li jkun sar self u (ii) li bhala korrispettiv ghal dak is-self, l-imputat ikun ippercepixxa, jew kiseb weghda li jinghataw, imghaxijiet jew xi qliegh iehor b'eccess ta' dak li jkun permess mill-ligi. Dan ifisser illi r-reat jissussisti anke jekk jigi ppruvat li l-imputat kiseb semplicement **weghda** li jinghataw ghas-self, imghax jew korrispettiv b'eccess ta' dak permess mil-ligi u ghalhekk, mhix rikjesta l-prova illi ikun effettivament gie mhallas jew percepit, il-qligh jew imghax b'eccess ta' dak li tippermetti l-ligi.

Din il-Qorti tqis illi l-korollarju ta' dan huwa illi mhuwiex mehtieg lanqas illi l-korrispettiv jinghata jew jigi mwieghed espressament f'forma ta' imghax, basta li jikkonfigura l-element tal-qligh f'dak li jigi imwieghed jew percepit, ghaliex altrimenti, ikun wisq facli li l-imghaxijiet jew qligh illegali jigi maskerat f'ghamla ta' negozju jew transazzjoni differenti bil-ghan li t-transazzjoni ma tinqabadx mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Gie wkoll ritenut illi l-prova li jkun sar xi pressjoni fuq il-mutwatarju biex jidhol ghal dik is-self abbuziv, mhijiex mehtiega biex tinsab reita` ghal addebitu taht l-Artikolu 298C, u titqies

bhala sufficjenti l-accettazzjoni taz-zewg partijiet li jinghata korrispettiv li jitqies bhala illegali fit-termini tal-imsemmi Artikolu[6].

Rigward l-element **formali** tar-reat, jinsab ritenut illi kull ma hu mehtieg hu li min jislef, cioe` l-awtur tar-reat, ikun konxju tal-fatt li qed jislef flus versu korrispettiv li jkun in eccess ta' dak permess mil-ligi[7], liema intenzjoni tista' tigi dezunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinheba l-vera portata u in-natura tas-self u l-korrispettiv.

Ikkunsidrat;

**<u>Fatti tal-Kaz</u>**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz, kif stabbilit mill-provi formanti parti mill-atti processwali, jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

- L-imputat silef lill-konjugi Worley l-ammont komplessiv ta' mill-inqas tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700), u dan bejn il-25 ta' Novembru 2010 u d-19 ta' April tas-sena 2011, liema ammont l-imputat isostni li gie versat permezz ta' diversi *cheques* intestati lill-konjugi Worley[8] .

- Jirrizulta li dan is-self baqa' ma thallasx lura lill-imputat, u fid-19 ta' April 2011, fuq kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil, il-konjugi Worley ddikjaraw li huma debituri tal-imputat fis-somma komplessiva ta' €13,000 li kellha tithallas fi zmien xahar b'imghax ta' 8%. Bhala garanzija ghall-hlas ta' dan id-debitu, giet iskritta ipoteka specjali fuq id-dar 15, 21B, u fuq garaxx, it-tnejn gewwa Triq Edmund Halley, Mellieha[9].

---

[6] Ara in propositu, **Il-Pulizija (Sp. A. Gafa`) vs. George Xuereb**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar 2009.
[7] **Il-Pulizija (Sp. Maurice Curmi) vs. Francis Formosa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Dicembru 2017.
[8] Dawn ic-*cheques* gew esebiti mill-imputat bhala Dok. X., Dok. Y u Dok. Z, a fol. 129 sa 131 tal-atti.
[9] Dok. Z a fol. 92

- Skont l-imputat, u hekk jirrizulta mill-atti, dan il-kuntratt sar appuntu biex jigbor fih l-imsemmija ammonti li huwa kien lahaq silef lill-konjugi Worley pju` imghax ta' 8% dekorrut fuq l-imsemmija somom mislufin.

- Ftit taz-zmien biss wara, il-konjugi Worley sabu ruhhom f'cirkostanzi fejn kellhom bzonn is-somma ta' €73,000 b'mod immedjat biex ihallsu self fuq l-idejn li hadu minghand terza persuna wara li xi negozju li huma kellhom fil-Libja, sfaxxa, u kienu qed jigu mhedda minn din it-terza persuna. Il-konjugi Worley kienu iddisprati biex jiksbu dan il-flus tant li rrikorrew ghand l-imputat ghal self iehor, minkejja illi ma jidhirx li kienu saldaw id-debitu kostitwit fuq il-kuntratt tad-19 ta' April 2011.

- Jidher illi l-imputat ma rrifjutax li jerga' jislef lill-konjugi Worley minkejja li jghid li huma kienu ghadhom ma hallsu lura xejn minn dak minnhom dovut skont il-kuntratt tad-19 ta' April 2011. Izda, din d-darba, ma kienx kuntent li s-self jigi garantit bl-iskrizzjoni ta' ipoteka specjali ulterjuri fuq il-fond residenzjali tal-konjugi Worley, u wera ruhu jkun dispost li jivversa s-somma li talbuh il-konjugi Worley jekk jinbiegh lilu l-fond residenzjali taghhom gewwa l-Mellieha.

- Billi l-konjugi Worley kienu jinsabu daharhom mal-hajt, huma accettaw il-proposta tal-imputat u b'kuntratt tas-6 ta' Gunju 2011 ukoll in atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil, huma bieghu lill-imputat il-fond taghhom gewwa l-Mellieha, bid-dritt rizervat lilhom li jibqghu jirrisjedu f'dan il-fond b'tolleranza tal-imputat.

- Ghalkemm il-bejgh tal-fond lill-imputat sar ghall-prezz ta' €93,100, dan il-prezz ma kienx wiehed reali tant illi l-valur tal-proprjeta` fuq is-suq gie dikjarat li huwa ta' €186,200 u t-taxxa dovut mill-imputat bhala l-kompratur fuq it-trasferiment, giet mahduma fuq l-imsemmi ammont ta' €186,200.

- Fis-16 ta' Frar 2012, l-imputat biegh dan il-fond ghall-prezz ta' €230,000 lil Jesmond u Laura Elizabeth konjugi Galea. Jirrizulta illi dan il-bejgh instab, u gie negozjat ma' dawn il-kompraturi, mill-konjugi Worley li dehru fuq l-imsemmi kuntratt ta' bejgh tal-fond u ddikjaraw li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghad-dritt li jibqghu jghixu fl-istess fond.

- Fit-28 ta' Frar 2012 giet iffirmata skrittura privata[10] quddiem l-Avukat Dr. Alex Perici Calascione li kien il-konsulent legali tal-imputat dak iz-zmien, fejn gie dikjarat li l-imputat kien qed ihallas is-somma ta' €27,500 lill-konjugi Worley, rapprezentanti l-valur tal-mobbli li kienu thallew fil-fond tal-Mellieha, u fejn il-partijiet entrambe ddikjaraw li b'dan il-pagament ma fadallhom ebda pretensjoni fil-konfront ta' xulxin.

- Il-konjugi Worley allegaw illi bhala parti minn din it-transazzjoni, l-imputat kellu wkoll iroddilhom lura il-vettura Volkswagen li mill-atti, jirrizulta li kienet giet trasferita lill-imputat ghall-prezz ta' €3,500[11] fl-10 ta' Mejju 2011. Qalu wkoll illi ghalkemm huwa finalment tahom lura l-vettura, l-imputat baqa' ma raddilhomx il-logbook u kien f'dan iz-zmien li sar rapport lill-Pulizija[12] li wassal sabiex ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat.

## <u>Kunsiderazzjonijiet</u>

Id-difiza ssostni bhala l-linja difensjonali ewlenija taghha, illi ma jistax jikkonfigura r-reat tal-uzurija ghaliex hawnhekk, **talanqas f'dak li jinkwadra**

[10] Dok AG1 a fol. 166.
[11] Vide Dok. CSH a fol. 149.
[12] Mix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa` (seduta tas-26 ta' April 2012), jirrizulta illi l-Pulizija rceviet kwerela minghand Dr. David Camilleri fl-20 ta' Marzu 2012, ghan-nom tal-konjugi Worley, fejn saret allegazzjoni ta' uzurija fil-konfront tal-imputat.

**fil-parametri temporali tal-imputazzjonijiet**, ma sar ebda self kif jehtieg li jigi ppruvat bhala wiehed mill-elementi materjali tar-reat.

Ic-citazzjoni taqra hekk:-

"*... talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, ircevejt minghand Cyril u Mary Rose konjugi Worley minn H'Attard, jew ksibt minghand l-istess Cyril u Mary Rose konjugi Worley, xi weghda li jinghataw, lilek jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b' eccess minn dak li jkun permess bil-ligi.*"

Huwa assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi l-konsummazzjoni tar-reat ipotetizzat taht l-Artikolu 298C tal-Kapitolu 9, **issehh fil-mument tal-kontrattazzjoni illecita, jew hekk kif issir l-accettazzjoni jew il-weghda** li jithallas imghax oghla minn dak permess bil-ligi. In propositu, jghid hekk il-gurista Francesco Antolisei:

*"La consumazione si verifica nel momento in cui gli interessi o vantaggi usurari sono dati o semplicemente promessi, e cioe' nel momento della patuazione."*[13]

Il-Qorti tqis illi ghalkemm huwa minnu li l-element materjali tas-**self** irid jigi ppruvat bhala element kostituttiv tar-reat, iz-zmien relevanti li ghandu jitqies biex jigi determinat meta effettivament sehh ir-reat, huwa, kif inghad, il-mument ta' konsummazzjoni tal-istess reat, cioe` meta saret il-weghda jew accettazzjoni ghall-hlas ta' qligh jew imghax b'eccess ta' dak permess mil-ligi fuq dak is-self, u **mhux necessarjament il-mument li fih sar dak is-self**. Lanqas ma huwa determinanti z-zmien meta jkun gie effettivament percepit mill-mutwant dak il-korrispettiv illegali. Il-Qorti tifhem ukoll illi l-**weghda jew accettazzjoni tal-korrispettiv illegali mhux dejjem u necessarjament isiru fl-istess mument u kontestwalment mal-kontrattazzjoni tas-self**, b'mod illi huwa ben koncepibbli

[13] Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I (2016)

ipotesi fejn jigi kkontrattat self, izda l-korrispettiv **illegali** jigi mwieghed jew accettat sussegwentement ghat-transazzjoni originali.

F'kull kaz izda, huwa mehtieg illi jigi stabbilit x'inhuma l-parametri temporali tal-imputazzjoni kif dedotta fic-citazzjoni kontra l-imputat, halli jigi determinat jekk il-konsummazzjoni tar-reat sehhitx f'dawk il-parametri specifikati fic-citazzjoni, u dan biex jigi determinat tistax tinsab htija o meno f'dan il-kaz.

Kif inghad, l-imputat gie mixli illi kkommetta r-reat tal-uzurija "*fl-20 ta' Marzu 2012 jew fix-xhur ta' qabel*". Isegwi ghalhekk illi kif impostata, l-imputazzjoni tirreferi ghal fatti li graw fl-20 ta' Marzu jew fix-xhur vicini ta' dik id-data. Ghalkemm l-imputazzjoni giet dedotta bhala reat kontinwat, il-Qorti ma tqisx illi l-kuncett legali tal-kontinwita` a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali jista' jestendi oltre l-parametri temporali espressament dedotti fl-akkuza, ghaliex l-Qorti ma tista' qatt issib htija ghal xi reat li jkun sehh fi zmien iehor jew f'hin iehor u mhux dak indikat fl-akkuza.

L-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji d-difiza taghha tajjeb u dan bic-cirkostanzi materjali indikati lilha f'dik ic-citazzjoni. Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Huwa rikonoxxut illi z-zmien huwa cirkostanza materjali u sostanzjali tal-kaz tal-Prosekuzzjoni, b'dan illi jekk il-parametru taz-zmien ikun gie indikat hazin, allura l-binarji tal-azzjoni wkoll jitqiesu li huma hazin. Ghalkemm m'huwiex rikjest mil-ligi li fl-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni tindika bi precizjoni

matematika iz-zmien tal-allegat reat, huwa certament desiderabbli li jsir hekk, specjalment fejn, bhal fil-kaz odjern, jirrizulta mill-provi illi **l-imputat kien ilu jislef flus lill-konjgi Worley sa minn Novembru 2010 u kwindi fuq medda ta' iktar minn sena**. *Multo magis* meta r-reat in kwistjoni huwa meqjus bhala wiehed istantanju u m'huwiex wiehed ta' natura permanenti, ghalkemm tul iz-zmien kollu li fih jithallsu imghaxijiet jew jigi percepit qligh jew korrispettiv b'eccess minn dak permess mil-ligi, ghandu effetti permanenti.

Fil-kaz tal-imputazzjoni odjerna, iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi ghal xhur u mhux snin u ghalkemm bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal-fatti li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni jista' jitqies li gie estiz ghal diversi xhur ohra, il-Qorti pero` tqis illi l-parametri tal-kelma xhur, b'mod generali ghandhom ifissru **dawk il-ftit xhur qabel id-data specifikata,** u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu sehhew tnax-il xahar jew iktar, qabel. Inoltre, il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi ma jistghux jidhlu fl-iskop tal-kliem "*fix-xhur ta' qabel*", dawk ix-xhur **tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni**, f'dan il-kaz l-20 ta' Marzu 2012.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ghall-fini tal-imputazzjoni odjerna tista' tinsab htija biss jekk ikun jirrizulta li r-reat taht l-Artikolu 298C tal-Kapitolu 9, **gie kommess u jkun sehh fl-elementi kollha kostituttivi tieghu mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem u mhux qabel din id-data**. Il-Qorti ghandha ghalhekk tistabbilixxi mhux biss jekk jissussistux l-elementi kostituttivi kollha tar-reat addebitat lill-imputat, izda wkoll jekk ir-reat, jekk jissusissti f'dan il-kaz, giex konsummat wara l-1 ta' Jannar 2012.

Ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat ukoll li ghalkemm fic-citazzjoni l-imputazzjoni taghmel referenza ghall-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xorta wahda jehtieg illi jintwera illi l-fatti relevanti sehhew fil-perijodu indikat mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat;

Konformement mal-premess, kwantu għall-elementi materjali tar-reat, il-Qorti tqis illi dak illi irid jirrizulta mill-provi huwa qabel xejn li sar ftehim ta' **self** bejn l-vittma u l-awtur tad-delitt. Kif rajna, izda, mhux mehtieg illi jigi ppruvat li s-self innifsu jkun gie kontrattat entro l-parametri stabbiliti fl-imputazzjoni odjerna jekk jirrizulta illi l-weghda jew accettazzjoni li jinghata korrispettiv illegali ghas-self, ikunu saru sussegwentement u entro l-parametri ta' zmien specifikati fl-imputazzjoni kif dedotta fic-citazzjoni.

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta b'mod indiskuss illi l-imputat silef lill-konjugi Worley l-ammont komplessiv ta' mill-inqas tnax-il elf u seba' mitt Ewro (€12,700), u dan bejn il-25 ta' Novembru 2010 u l-4 ta' Jannar 2011, liema ammont l-imputat isostni li gie versat permezz ta' diversi cheques intestati lill-konjugi Worley[14] . Izda, jirrizulta li dan is-self baqa' ma thallasx lura lill-imputat u fid-19 ta' April 2011 il-konjugi Worley ikkostitwew ruhhom certi u likwidi debituri tal-imputat permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil ghas-somma komplessiva ta' €13,000, liema kuntratt skont l-imputat sar appuntu biex jigbor fih l-imsemmija ammonti li huwa kien lahaq silef lill-konjugi Worley pju` imghax ta' 8% dekorrut fuq l-imsemmija somom mislufin[15]. B'dan il-kuntratt, giet iskritta wkoll a favur l-imputat, ipoteka specjali fuq il-fond residenzjali tal-konjugi Worley ghall-istess ammont ta' €13,000 in garanzija tal-hlas tal-ammont misluf[16].

Ghalkemm Mary Rose Worley allegat fix-xhieda taghha[17] illi l-imputat kien talab u li huma hallsuh, imghax b'rata eccessiva fuq is-somma ta' €7,000 li kien silifhom fit-tieni okkazzjoni, tant illi din is-somma bl-imghax mitlub mill-imputat, kien tellaghha ghas-somma ta' €13,000, din l-allegazzjoni mhix sorretta

[14] Dawn ic-*cheques* gew esebiti mill-imputat bhala Dok. X., Dok. Y u Dok. Z, a fol. 129 sa 131 tal-atti.
[15] Fil-fatt, minn kalkolu semplici jirrizulta illi l-imghax bir-rata ta' 8% kompjut sad-19 ta' April 2011 fuq id-diversi somom mislufin li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' €12,700, ma jeccedix is-somma ta' €13,000.
[16] Dok. Z a fol. 92
[17] Seduta tas-17 ta' Marzu 2016.

mill-provi. Effettivament, filwaqt li din l-allegazzjoni hija kontradetta minn Cyril Worley li kkonferma, meta xehed in kontro-ezami, illi meta ghamlu l-kostituzzjoni ta debitu "*ahna konna akkumulajna xi flejjes li kellna naghtu*" lill-imputat, **ma jirrizultax mill-provi mressqin f'din il-kawza illi fuq is-somom mislufin bejn Novembru 2010 u April 2011, kien hemm l-accettazzjoni u lanqas weghda li jithallsu imghaxijiet b'rata oghla minn dak permess mil-ligi u lanqas gew mitluba jew imweghdin imghaxijiet b'eccess ta' dak permess mil-ligi fuq il-kostituzzjoni ta' debitu**. Anke l-kuntratt tad-19 ta' April 2011 huwa inekwivoku fis-sens illi l-imghax li kellu jithallas fuq is-somma ta' €13,000 li l-konjugi Worley iddikjaraw li kien dovut minnhom u li kellu jithallas fi zmien xahar mid-19 ta' April 2011, kellu jithallas bir-rata ta' 8%.

Mill-atti ma jirrizultax illi l-konjugi Worley ghamlu xi ripagament lill-imputat sussegwentement ghal dan il-kuntratt, la akkont tal-kapital u lanqas akkont ta' xi imghax li seta' kien lahaq iddekorra. Minflok, mill-atti jirrizulta illi l-imputat ivversa somma ulterjuri ta' tlett elef Euro (€3,000) lill-konjugi Worley permezz ta' cheque Dok. P fl-istess data li giet konkluza l-kostituzzjoni ta' debitu cioe` fid-19 ta' April 2011. M'huwiex car mill-atti jekk dan l-ammont giex saldat permezz tal-bejgh tal-vettura tal-ghamla VW Golf skont kif jidher mill-iskrittura privata datata 10 ta' Mejju 2011, esebita mill-imputat bhala Dok. CSH1[18], izda billi l-imputat xehed illi sakemm huwa xtara l-fond tal-konjugi Worley huma ma kienu hallsu xejn mill-ammonti li kien silifhom, il-Qorti tifhem illi l-imsemmija somma ta' €3,000 kienet ukoll ghadha dovuta sas-6 ta' Gunju 2011 meta sar il-kuntratt tal-bejgh.

Konformement mal-premess, ma jirrizultax mill-atti illi kwantu ghall-**ammont komplessiv misluf mill-imputat lill-konjugi Worley sad-19 ta' April 2011**, hemm prova tal-element materjali tar-reat addebitat lill-imputat konsistenti fl-accettazzjoni jew weghda ta' qligh jew imghax, b'korrispettiv ghas-self, b'eccess ta' dak permess mil-ligi.

[18] Fol. 149

Ikkunsidrat;

Izda gara illi, kif diga` nghad, jirrizulta illi l-konjugi Worley regghu avvicinaw lill-imputat ftit taz-zmien wara biss, biex jislifhom l-ammont ta' €73,000 li kellhom bzonn urgentement wara li sfaxxa xi negozju li kellhom gewwa l-Libja. Ghalkemm jidher illi l-imputat ma rrifjutax li jerga' jislef lill-konjugi Worley minkejja li kienu ghadhom ma hallsu lura xejn minn dak minnhom dovut lill-imputat, did-darba ma kienx kuntent li s-self jigi garantit bl-iskrizzjoni ta' ipoteka specjali ulterjuri fuq il-fond residenzjali tal-konjugi Worley, u ghamilhielhom car illi jkun dispost li jivversa s-somma li talbuh biss jekk l-fond residenzjali taghhom jinbiegh lilu.

Huwa indiskuss illi l-konjugi Worley dak iz-zmien kienu f'qaghda ddisprata u kienu jinsabu daharhom mal-hajt meta talbu lill-imputat jislifhom l-imsemmija somma ta' €73,000. Mary Rose Worley xehdet hekk[19]:-

"*Nghid li dak iz-zmien ahna konna ddisprati. Nghid illi sadanittant ahna konna ghamilna self minghand haddiehor ukoll u dan sabiex nippruvaw ingibu l-containers hawn Malta li kellna maqbudin il-Libya.*

*Nghid li ahna konna sellifna xi ghoxrin elf (20,000) minghand din il-persuna u bl-imghaxijiet u uzura kienu tellghuhomlna xi seventy three thousand (73,000). Mistoqsi min hi din il-persuna ma nixtieqx nghid ghaliex nibza' minnha. ... mohhna ma kienx hawn, konna ghaddejjin minn inkwiet kbir.*

*Dik il-persuna li semmejt bdiet theddidna wkoll u ergajna morna ghand Emanuel Ellul u dana biex din id-darba* ***sellifna tlieta u sebghin elf (73,000)*** *purche` ahna nbieghu d-dar, huwa jiehu dak li ghandu jiehu bl-imghax tal-gvern u ahna niehdu l-bilanc."* [Enfasi tal-Qorti]

Jirrizulta illi b'kuntratt tas-6 ta' Gunju 2011, il-parti civile l-konjugi Worley bieghu lill-imputat il-fond residenzjali taghhom gewwa l-Mellieha, versu l-prezz globali ta' €93,100. Minn dak li fehmet il-Qorti, dan l-ammont huwa kompriz

[19] 17 ta' Marzu 2016.

kwantu ghas-somma ta' €13,000 rapprezentanti d-debitu dovut fuq il-kuntratt tad-19 ta' April 2011 flimkien mas-somma ta' €3,000 mislufa lill-konjugi Worley permezz tac-cheque Dok. P, u kwantu ghas-somma ta' €76,600 il-bilanc imhallas fuq il-kuntratt ta' bejgh. Ghalkemm mill-atti processwali m'huwiex car x'jirrapprezenta l-bilanc ta' €500, huwa indiskuss illi anke kieku kellu jirrizulta li dan jirrapprezenta imghax komputat in eccess ta' dak permess mil-ligi fuq is-self precedenti tal-ammont globali ta' €16,000 fuq imsemmi, f'kull kaz jekk il-fatti relattivi ghal dan il-kuntratt jikkostitwixxu reat, ir-reat ikun sehh ghalhekk f'Gunju 2011 u f'dan ir-rigward, mhuwiex kopert miz-zmien specifikat fic-citazzjoni.

Ikkunsidrat;

It-tezi tad-difiza hija wkoll fis-sens illi t-transazzjoni li sehhet fis-6 ta' Gunju 2011 kienet wahda ta' **bejgh u mhux ta' self** u fi kwalsiasi kaz, jekk dawn il-fatti kellhom jitqiesu li jikkostitwixxu r-reat li bih gie mixli l-imputat odjern, il-prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq il-kliem "*fix-xhur ta' qabel*" l-20 ta' Marzu 2012 ghall-fini tal-imputazzjoni.

Ghalkemm il-Qorti taqbel illi dak li gara fis-6 ta' Gunju 2011 ma jirrientrax fil-parametri temporali tal-akkuza odjerna minkejja r-referenza ghall-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9, **ma temminx illi din it-transazzjoni kienet wahda ta' bejgh semplici**. **Ghall-Qorti huwa evidenti illi t-trasferiment tal-fond lill-imputat sar proprju biex il-konjugi Worley jistghu jircievu minghand l-imputat b'self, is-somma li kienu jehtieg li jsellfu minghandu biex ihallsu lil terzi. u mhux ghaliex riedu jbieghu il-fond residenzjali ghal prezz irrizorju li, kif jirrizulta espressament mill-kuntratt innifsu, huwa inqas min-nofs il-valur tieghu fuq is-suq**. Hadd f'sensih ma jbiegh ir-residenza tieghu ghal prezz li b'kumbinazzjoni huwa precizament ekwivalenti ghall-ammont li jehtieg li jissellef minghand ix-xerrej u meta l-proprjeta` kjarament tiswa d-doppju.

Wiehed jista' jistaqsi kif setghu l-parti leza jafdaw lill-imputat meta trasferixxu l-proprjeta` tal-fond taghhom f'ismu bl-intendiment li jithallsu r-rikavat tal-bejgh eventwali wara li jissaldaw dak kollu dovut lill-imputat: (i) minghajr ftehim bil-miktub u, *multo magis* (ii) meta skont l-istess parti leza l-imputat kien diga` ingannhom ghal darba darbtejn[20]. Izda ghall-Qorti huwa evidenti li dan huwa sintomu tal-qaghda ddisprata u mbezza' tal-konjugi Worley liema qaghda tellfithom kull sens ta' kawtela, prudenza u sahanistra logika.

Illi ghalkemm jidher li hemm konflitt bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konjugi Worley u dik tal-imputat, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**[21]:-

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux."*

Il-Qorti ghalhekk ma temminx lill-imputat meta qal li l-konjugi Worley kienu lesti jaccettaw il-prezz ta' €93,100 minflok il-prezz reali tal-proprjeta` biex din tinbiegh lilu u l-kwistjoni tieqaf hemm, u lanqas temmnu meta qal li l-uniku ftehim li kien hemm kien illi huwa kien lest jaghtihom id-dritt tal-ewwel preferenza li huma jakkwistaw lura dan il-fond peress li huwa ma kienx interessat li jzommu ghalih. It-tezi tad-difiza li l-akkwist tal-fond tal-konjugi Worley kien opportunita` ta' negozju li gietu tajba, fil-fehma tal-Qorti, m'hijiex attendibbli u lanqas ma tikkonvinci sal-grad tal-probabbli. Minflok, il-Qorti tqis illi l-verzjoni tal-konjugi Worley hija dik veritiera.

Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha wara li kkunsidrat illi mill-provi jirrizulta wkoll illi l-konjugi Worley kienu diga` dak iz-zmien poggew l-istess

[20] Ara xhieda Cyril Worley in kontro-ezami, seduta 26 ta' Settembru 2007 a fol. 125.
[21] Deciza 9 ta' Lulju 2003.

fond taghhom ghall-bejgh ma' agent tal-proprjeta`, u minkejja t-trasferiment li sar lill-imputat, huma **komplew ifittxu li dan jinbiegh lil terzi**, tant illi kienu huma stess li sabu u negozjaw il-bejgh tal-istess fond lill-konjugi Galea ftit taz-zmien wara li l-fond kien gie trasferit lill-imputat. Dan huwa anke ammess mill-imputat fid-depozizzjoni tieghu[22].

Mix-xhieda u mill-assjem tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti hija moralment konvinta illi ghalkemm il-fond inbiegh lill-imputat, dan sar biex il-flus li kellhom tant bzonn il-konjugi Worley, jigu mislufa lilhom mill-imputat bl-intendiment li meta dan il-fond jinbiegh lil terzi, **l-istess konjugi Worley jiehdu l-bilanc li jifdal mill-prezz tal-bejgh tal-fond wara li jigi saldat is-self u l-ammonti kollha dovuti lill-imputat**.

Mary Rose Worley xehdet hekk fir-rigward:-

*"Ghamilna l-kuntratt u din id-dar inbieghet two hundred and thirty-three thousand (233,000) u hu jghidilna li ma kien se jifdilna xejn u ahna konna ghidnilu li **huwa kien se jiehu s-somma mislufa flimkien mal-interessi tal-gvern** u ghalhekk suppost kellna niehdu xi hundred twenty thousand (120,000) bilanc. **Nghid li Emanuel Ellul ma riedx jaghtina din is-somma b'xejn**."* [Enfasi tal-Qorti]

Minn dan huwa manifest li l-intendiment wara t-trasferiment tal-fond lill-imputat kien proprju kif iddeskriviha Cyril Worley meta qal, b'referenza ghas-self ta' €73,000 li huwa kien talab minghand l-imputat, illi:-

"*… jumejn qabel kien gie sabni d-dar, qalli li ma kienx lest jaghmilli ipoteka izda **ried illi jiena ndawwar id-dar fuqu**. Qalli mbaghad id-dar tinbiegh, **huwa jiehu dak li ghandu jiehu minghandi u jiena niehu l-bilanc***. [Enfasi tal-Qorti]

In kontro-ezami, il-parti leza kompla jafferma illi:-

[22] 26 ta' April 2018, fol. 148.

"*Pero` jumejn (2) qabel ma konna ha naghmlu din l-ipoteka s-Sur Ellul kien irrifjuta u qalli illi minflok ma naghmlu l-ipoteka kien lest li jixtri d-dar. Cioe` kien qalli li kien lest illi jaccetta li* ***d-dar tigi registrata f'ismu*** ***u meta jiena ntih il-flus*** ***jerga' jaghmilha registrata f'ismi***."[23] [Enfasi tal-Qorti]

Minn dan il-Qorti fehmet illi l-bejgh kien biss il-kundizzjoni imposta mill-imputat, u accettata mill-parti leza, sabiex tigi **mislufa** lilhom is-somma li tant kienu jehtiegu jissellfu. Wara kollox, kieku l-intendiment kien wiehed ta' bejgh *sic et simpliciter,* il-kapitolu kien jinghalaq u ma kien jifdal ebda interess da parti tal-konjugi Worley f'dan il-fond, u lanqas kien ikun hemm il-htiega li jkomplu jfittxu l-bejgh tieghu, jew jinghataw id-dritt li jkomplu jghixu fil-fond b'mera tolleranza. Il-Qorti hija konvinta illi dan id-dritt tal-ahhar gie koncess a favur tal-parti leza bil-hsieb illi, kif qalu l-istess konjugi Worley, huma jsibu l-bejgh tal-fond lil terzi u meta dan jinbiegh, l-imputat jiehu dak kollu lilu dovut mir-rikavat tal-bejgh u huma jiehdu l-bilanc.

Din il-fehma tal-Qorti dwar l-intendiment wara l-bejgh tal-fond residenzjali tal-parti leza lill-imputat, cioe` li huma kellhom jircievu mighand l-imputat il-bilanc dovut mir-rikavat ta' bejgh lil terzi, hija rinforzata ulterjorment mix-xhieda ta' Dr. Alex Perici Calscione li kien il-konsulent legali tal-imputat u li gie prodott mill-istess imputat biex jixhed fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2018. Dan ix-xhud effettivament ikkonferma illi fil-ftehim fuq il-bejgh tal-fond lill-imputat, kien hemm *buy back* jew *pay back* clause. Fir-realta`, ghalkemm ma kien hemm xejn minn dan imnizzel fuq il-kuntratt tas-6 ta' Gunju 2011, it-testimonjanza ta' dan ix-xhud tkompli tafferma illi kien hemm intendiment li t-transazzjoni bejn il-partijiet ma tieqafx mal-kuntratt tas-6 ta' Gunju 2011, izda li din tizvolgi b'mod illi eventwalment il-konjugi Worley jircievu xi haga lura minn dik it-transazzjoni evidentement sfavorevoli ghalihom.

Ikkunsidrat;

[23] Kontro-ezami 26 ta' Settembru 2017, a fol. 127.

Minn dak kollu kkunsidrat, il-Qorti hija konvinta illi l-bejgh tal-fond lill-imputat tassew sar bil-ghan li jippermetti lill-konjugi Worley jissellfu flus minghand l-imputat b'garanzija assoluta a favur l-imputat, u bil-ftehim ghalkemm mhux bil-miktub, li l-imputat jintradd lura l-ammonti kollha li kien silifhom u dak kollu lilu dovut, mir-rikavat tal-bejgh eventwali tal-fond lil terzi. Inoltre, ghalkemm it-trasferiment tal-fond lill-imputat kien imsawwar bhala bejgh, mill-atti u c-cirkostanzi ta' dan il-kaz, huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti, illi dan sar **sabiex tinheba l-vera portata u in-natura tas-self u l-korrispettiv, ghaliex jirrizulta li kienet appuntu l-htiega impellenti tal-konjugi Worley li jisselfu minghand l-imputat, li xprunat it-trasferiment - zgur mhux xi opportunita` ta' negozju li l-imputat jghid li tfaccatlu**. Kif diga` nghad, il-forma tal-ftehim huma immaterjali jekk fil-fehma tal-Qorti dan ikun sar biex jigi oskurat in-natura vera tas-self.

Anke l-fatt illi, skont kif jirrizulta mix-xhieda tan-Nutar Dr Rachel Busuttil tal-20 ta' Ottubru 2016, il-konjugi Worley riedu huma stess li l-kuntratt isir, u xtaqu li jsir malajr kemm jista' jkun, ma jistax hlief ifisser illi f'dan l-istadju huma kienu ddisprati, kif del resto kkonfermat l-istess Nutar fix-xhieda taghha, ghaliex kellhom bzonn li jissellfu minghand l-imputat. Il-fatt li ma kienx hemm pressjoni biex jittrasferixxu l-fond ma huwa ta' ebda konsegwenza hlief li jkompli juri kif kien hemm patt li l-konjugi Worley kienu qed jistennew li jircievu minghandu mill-iktar fis, is-self li kellhom bzonn b'mod daqshekk impellenti u eventwalment il-bilanc tal-valur tal-proprjeta` taghhom. Izda ma hemm ebda prova kwalsiasi illi f'dan iz-zmien kien hemm xi ftehim jew li l-parti leza ghamlet xi weghda li jhallsu korrispettiv ghas-self f'imghax jew qligh b'eccess minn dak permess il-ligi.

Konformement, f'dan l-istadju, cioe` fis-6 ta' Gunju 2011, u kuntrarjament ghal dak sottomess mid-difiza, **l-element tas-self mhux talli kien jissussisti, talli kien dan proprju is-self li skaturixxa l-ftehim appena mfisser kif ukoll ta lok**

**u wassal ghall-fatti li sehhew fi Frar tas-sena 2012.**[24] **Ghaldaqstant, l-element tas-self u tal-ghoti jew weghda ta' korrispettiv ghal dan is-self, huma debitament ippruvati u sodisfatti anke fil-parametri taz-zmien specifikati fic-citazzjoni cioe` wara l-1 ta' Jannar 2012.**

Fil-fatt, ghandu jinghad in parentesi illi fuq il-kuntratt tas-16 ta' Frar 2012, meta l-fond inbiegh lill-konjugi Galea, l-imputat awtorizza l-kancellament tan-noti ta' iskrizzjoni 6060/2011 tad-19 ta' April 2011 u 8199/2011 tal-31 ta' Mejju 2011[25], li jidher li saru favur tieghu bhala garanzija ghal self maghmul lill-konjugi Worley. B'dan l-att, il-Qorti fehmet li l-imputat kien qieghed hawnhekk jaccetta li qed jithallas il-korrispettiv ghas-self. Kieku bit-trasferiment tal-fond lill-imputat fis-6 ta' Gunju 2011 il-fond kien verament qed jinbiegh u mhux qed isir self iehor lill-parti leza, kieku l-ipoteki li kienu gew iskrittu fuq il-fond bhala garanzija ghall-hlas ta' self lill-parti leza, kienu jigu immedjatament ikkancellati biex it-transazzjonijiet bejn il-partijiet jigu saldati u jieqfu hemmhekk darba ghal dejjem.

Huwa wkoll manifest illi dak iz-zmien meta sar il-kuntratt tal-bejgh tal-fond lill-imputat u talanqas sakemm effettivament sar il-bejgh tal-fond lill-konjugi Galea, **ma jirrizultax illi kien hemm ftehim, accettazzjoni u lanqas weghda da parti tal-konjugi Worley illi jhallsu imghaxijiet jew xi ghamla ta' qligh iehor, bhala korrispettiv ghal dan is-self, b'eccess minn dak permess mil-ligi**. Effettivament, jirrizulta manifest mit-testimonjanza tal-konjugi Worley f'dawn il-proceduri illi meta huma ttrasferixxu l-fond taghhom lill-imputat, il-pretensjoni taghhom u l-ftehim li kellhom mieghu kien illi huma jithallsu parti mir-rikavat tal-bejgh tal-fond meta dan jinbiegh lil terzi, u dan wara li l-imputat izomm dak lilu dovut, inkluz biex jigu saldati l-ammonti kollha li kien silifhom matul iz-zmien.

---

[24] Il-kuntratt ta' bejgh tal-fond lill-konjugi Galea datat 16 ta' Frar 2012 (Dok. Z2 a fol 41 *et seq.*) u l-iskrittura privata tal-hlas lill-parti leza datata 28 ta' Frar 2012 (Dok. AG1 a fol. 166).

[25] Ma jirrizultax mill-atti x'kien il-valur li ghalih gie iskritta din l-ipoteka izda evidentement, din kienet ipoteka specjali li kienet iskritta a favur tal-imputat fuq il-fond tal-konjugi Worley.

Izda ma hemm ebda prova kwalsiasi illi meta l-fond gie trasferit lill-imputat fis-6 ta Gunju 2011, huwa kien qed jippretendi jew jitlob li jaghmel qligh jew jithallas imghax b'eccess ta' dak li tipprovdi l-ligi bhala korrispettiv ghall-flus li kien silifhom, wisq anqas li l-parti leza kienu weghdu jew accettaw li jaghtu bhala korrispettiv ghas-self, ammonti in eccess ta' dak permess mil-ligi.

Ghaldaqstant, ma jirrizultax illi r-reat kontemplat fl-Artikolu 298C kien sehh meta gie konkluz il-kuntratt tas-6 ta' Gunju 2011 stante illi ghalkemm kien hemm self, m'hemmx prova tal-element materjali tal-weghda jew hlas ta' korrispettiv b'eccess minn dak permess mil-Ligi. Billi dan l-element huwa nieqes, ir-reat tal-uzura ma jistax jitqies bhallikieku gie kkonsmat, talanqas qabel jigi ppruvat illi l-konjugi Worley, f'dan il-kaz, accettaw jew weghdu illi jaghtu, jew effettivament hallsu ghas-self li hadu minghand l-imputat, korrispettiv li huwa projibit mil-ligi.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta illi l-ewwel darba illi l-parti leza **saru jafu** li l-imputat kien qed jippretendi l-hlas ta' korrispettiv illegali fuq is-self li kienu sejrin jissaldaw mieghu, kien wara li l-fond taghhom inbiegh lill-konjugi Galea. Cyril Worley xehed illi l-imputat zamm il-bilanc kollu tar-rikavat tal-bejgh wara li hallas l-ispejjez, taxxi u drittijiet, izda:-

"*… kien baqa' somma sew. Iz-zmien beda ghaddej u ma smajna xejn aktar minghandu u konna ncemplulu.*"

Mary Rose Worley xehdet hekk fir-rigward:-

*"... ahna sibna l-bejgh tad-dar taghna **biex hu jiehu sehmu** u niehdu l-kumplament ...*

*Ghamilna l-kuntratt u din id-dar inbieghet two hundred and thirty-three thousand (233,000) u hu jghidilna li ma kien se jifdilna xejn u ahna konna*

*ghidnilu li huwa **kien se jiehu s-somma mislufa flimkien mal-interessi tal-gvern** u ghalhekk suppost kellna niehdu xi hundred twenty thousand (120,000) bilanc. **Nghid li Emanuel Ellul ma ried itina din is-somma b'xejn** ... L-imputat imbaghad qalilna li kien lest jaghtina lura l-karozza flimkien mas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf (27,000) u xejn aktar…"* [Enfasi tal-Qorti]

Il-fatt illi l-imputat eventwalment accetta li jhallas lill-konjugi Worley is-somma ta' €27,500, liema somma thallset fuq skrittura privata datata 28 ta' Frar 2012, huwa, fil-fehma tal-Qorti, affermazzjoni ulterjuri tal-fatt illi l-ftehim fuq il-kuntratt tas-6 ta' Gunju 2011 kien self u mhux bejgh. Hawnhekk ukoll, il-Qorti ma ghandha l-ebda rizervi kwalsiasi li temmen il-verzjoni tal-konjugi Worley u tiskarta b'mod assolut bhala inveritjera **l-allegazzjoni tal-imputat illi din is-somma ta' €27,500 kienet dovuta u thallset lill-konjugi Worley in linea tal-prezz tal-mobbli li kienu hallew fil-fond meta dan inbiegh lill-imputat**. Il-Qorti ma temminx lill-imputat meta xehed illi s-somma ta' €27,500 Euro kien thallas lill-parti leza ghall-mobbli li kienu hallew fil-post. Filwaqt illi Cyril Worley kien inekwivoku meta xehed li ma halla ebda ghamara fil-fond[26], mill-kuntratt tas-16 ta' Frar 2012 fejn il-fond inbiegh lill-konjugi Galea, jirrizulta li l-unici mobbli li thallew fil-fond kienu erba' appliances fil-kcina. Lanqas il-mejda u siggijiet tal-kcina ma nbieghu lill-konjugi Galea.

Il-Qorti tosserva wkoll illi mkien ma gie stipolat li l-konjugi Worley kellhom jigu kkumpensati ta' xi mobbli li hallew fil-fond, u fil-kuntratt ta' bejgh tal-fond lill-imputat ma hemm ebda stipolazzjoni illi l-prezz tal-fond ma kienx jinkludi l-valur tal-mobbli, wisq anqas mobbli li kienu jiswew b'€27,500. Ghaldaqstant, minkejja dak dikjarat fl-iskrittura tat-28 ta' Frar 2012, il-Qorti la temmen li l-oggetti li gew dikjarati li thallew fil-fond meta dan inbiegh lill-konjugi Galea, setghu kellhom l-imsemmi valur, u lanqas temmen li s-somma ta' €27,500 thallset bhala l-valur tal-mobbli li kien hemm fid-dar.

Ikkunsidrat;

[26] "Nghid illi ghamara jien ma hallejt xejn fil-proprjeta`" – Xhieda Cyril Worley in kontro-ezami, seduta 26 ta' Settembru 2017, a fol. 127.

Jirrizulta illi l-konjugi Worley iddecidew li jaccettaw, bhala bilanc mir-rikavat tal-bejgh tal-fond taghhom lil terzi, il-hlas tas-somma ta' €27,500, u dan minhabba theddid u insistenza tal-imputat li inizzjalment ma ried jaghtihom xejn minn dan ir-rikavat. Dan ifisser necessarjament illi l-imputat zamm in linea ta' "*sehmu*" bhala korrispettiv ghall-ammont misluf lill-konjugi Worley, somma ferm ikbar minn dak li kien dovut lilu. Il-Qorti tqis illi galadarba permezz tal-hlas tal-bilanc mir-rikavat effettwat lill-parti leza fuq din l-iskrittura, l-imputat kien qieghed effettivament jithallas billi jzomm ghalih, fost ohrajn, il-korrispettiv ghas-self li kien ghamel favur il-parti leza, huwa immaterjali ghall-ezistenza tar-reat tal-uzura l-fatt li ma jkunx issemma b'mod espress fil-ftehim tat-28 ta' Frar 2012 li kien qed jithallas xi imghax lill-imputat. **Ghall-Qorti huwa car illi l-iskrittura privata tat-28 ta' Frar 2012 immaskerat il-kawzali vera tal-korrispettiv tas-self, bl-uzu tal-kawzali fittizzja ta' bejgh ta' mobbli**[27].

Anke l-fatt illi l-parti leza eventwalment **accettat** li b'din it-transazzjoni, ihallsu korrispettiv b'eccess minn dak permess mil-ligi lill-imputat, ma jnaqqas xejn mill-prova tal-element tal-weghda jew accettazzjoni rikjesta mil-ligi ghall-konsummazzjoni ta' dan ir-reat. Il-ligi ma tirrikjedix prova illi l-hlas jew il-weghda in kwistjoni tkun saret **kontra** r-rieda u l-volonta` tal-vittma u dan l-element tar-reat huwa sodisfatt u r-reat jitqies li jkun gie kkonsmat, hekk kif jintwera li saret weghda jew accettazzjoni ghall-hlas ta' korrispettiv abbuziv, indipendentement mill-volonta` jew l-accettazzjoni tal-vittma.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi huwa relevanti dak li xehed Dr. Alex Perici Calascione li ma kien hemm ebda tensjoni waqt l-iffirmar tal-iskrittura privata tat-28 ta' Frar 2012, bhalma ma huwa ta' ebda konsegwenza lanqas ghall-fini tar-

[27] Ghalkemm f'materja ta' indoli civili, il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza f'dan ir-rigward, ghal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Neg. Lewis Formosa vs Antonio Gatt,** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Novembru, 1934: "*Kwalunke ftehim li l-partijiet jistghu jivvantaw biex il-kreditur jista' jasal ghal fini tieghu fi jiehu imghax aktar minn dak li tippermetti l-ligi, huwa null*".

reat in kwistjoni, il-fatt illi l-parti leza ddikjarat fl-imsemmija skrittura li ma ghad fadallhiex pretensjonijiet iktar fil-konfront tal-imputat. Dikjarazzjoni bhal din ma jfissirx illi ma jistax ikun hemm reita` ghall-uzurija kontemplata fl-Artikolu 298C u zgur ma m'hijiex effikacji biex tassolvi lill-imputat mir-reat tal-uzura. Wara kollox dan ir-reat huwa wiehed li ghalihom proceduri kriminali jittiehdu minghajr il-htiega ta' kwerela tal-parti leza, tant illi l-ligi tqis illi l-kwistjoni tal-hlas ta' imghax hija wahda ta' ordni pubbliku li jwassal ghan-nullita` tal-ftehim.[28] Barra minn hekk, in linea tal-element formali tar-reat, huwa risaput li dak li ghandu jigi ppruvat huwa il-konsapevolezza **tal-awtur u mhux tal-vittma** illi qed jintalab imghax jew qliegh in eccess minn dak permess fil-ligi.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi, meta l-konjugi Worley hadu minghand l-imputat fit-28 ta' Frar 2012 u kwindi fiz-zmien specifikat fic-citazzjoni tal-imputazzjoni odjerna, is-somma ta' €27,500, **l-imputat kien qieghed jithallas billi jzomm ghandu, il-korrispettiv ghall-ammonti kollha mislufa minnu lill-parti leza** (oltre ghall-ispejjez ohrajn minnu sborsati in konnessjoni maz-zewg trasferimenti tal-fond), u dan in linea mal-ftehim li gie stabbilit li kien intlahaq bejn il-parti leza u l-imputat, il-Qorti issa trid tghaddi biex tiddetermina jekk jirrizultax ippruvat li l-imputat b'hekk **kiseb qligh jew inghata imghax, b'eccess minn dak stipolat mil-ligi**.

L-Artikolu 1852 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*(1) L -imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.*
*(2) L-imghax miftiehem f'izjed minn daqshekk jigi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija.*
*(3) Jekk ikun gie mhallas imghax izjed minn dak li taghti l-ligi, iz-zejjed jinqata' mill-kapital.*

[28] Fil-fatt, hija eccezzjoni li fil-qrati ta' gurisdizzjoni civili tista' titqajjem *ex officio* mill-Qorti.

Fis-sentenza gia` citata *supra* fl-ismijiet **Il-Pulizija (Sp. A. Gafa`) vs George Xuereb**[29], il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk in propositu dwar l-element tal-eccess tal-korrispettiv ghal self:-

"*Dan l-eccess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1139 tal-Kodici Civili li jipprovdi ghal rata ta' 8%. Hemm umbaghad l-artikolu 1854 tal-Kodici Civili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imghax ma tkunx giet miftehma, l-imghax ghandu jitqies bil-5%. Ghal dan il-principju hemm xi eccezzjonijiet li japplikaw fil-kazijiet ta' banek, meta jinhargu bonds ghall-pubbliku, eccetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat ghall-hlas ta' imghax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti ghall-kaz in dizamina*."

Mill-provi fl-atti processwali, jirrizulta s-segwenti.

Bhala **<u>dhul</u>** minn dawn it-transazzjonijiet kollha, l-imputat ircieva pagament ta' **<u>€203,539.88</u>** b'kollox, u dan skont kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa`, Audrey Ghigo u Darren Macela u kif ukoll c-*cheques* intestati f'isem l-imputat[30] liema *cheques* inhargu fuq il-bejgh tal-fond lill-konjugi Galea.

Bhala **<u>hrug</u>**, l-imputat hallas l-ammont komplessiv ta' **<u>€147,402.80</u>**:-

- Fuq il-kuntratt tas-6 ta' Gunju 2011 l-imputat hallas taxxa *ad valore*m (boll) ta' **€9,310** kif ukoll taxxa fuq il-qligh kapitali (ghan-nom tal-vendituri Worley) ta' **€6,517** b'rata ta' 7% fuq il-valur;
- Fuq il-kuntratt tas-16 ta' Frar 2012, l-imputat hallas taxxa fuq il-qligh kapitali ta' **€26,460.12** u s-senserija dovuta lil Frank Salt Reak Estate Ltd fis-somma ta' **€9,500**.
- L-imputat hallas is-somma ta' **€2,515.68** lil Transport Malta ghar-registrazzjoni tal-vettura Volkswagen Golf skont ix-xhieda tal-Ispettur Angelo Gafa`[31] liema vettura, madanakollu, kienet f'kull kaz giet akkwsitata lill-istess imputat ghall-prezz ta' €3,500 li skont hu, kien il-valur li kkalkula

---

[29] Deciza 15 ta' Jannar 2009.
[30] Dok. Z6 u Z8 a fol. 71. Ara wkoll xhieda Audrey Ghigo tas-17 ta' Marzu 2016. [€9,499 + €12,040.88 + €182,000 = €203,539.88.
[31] Ghalkemm mill-atti (Dok. Z3) jirrizulta l-hlas biss tal-ammont ta' €2,141.65, id-dubju ghandu jmur favur l-imputat.

li kienet tiswa l-vettura minhabba li kellu jhallas it-taxxa tar-registrazzjoni fuqha.

- Jirrizulta wkoll illi l-imputat hallas is-somma komplessiva ta' **€93,100** in linea ta' self lill-parti leza.

Kwantu ghall-**imghax fuq is-self** maghmul lill-konjugi Worley, fl-ahjar ipotesi ghall-imputat, l-imghax bir-rata ta' 8% fuq is-somma ta' €16,500 bejn id-19 ta' April 2011 sat-28 ta' Frar 2012 jammonta ghal cirka **€1,132.58**, filwaqt li l-imghax bl-istess rata bejn is-6 ta' Gunju 2011 u t-28 ta' Frar 2012 fuq is-somma ta' €76,600 imhallas lill-parti leza fuq il-kuntratt ta' bejgh, jammonta ghal cirka **€4,454.70**. Ghalhekk, l-imputat ma setax izomm imghax fuq is-somom mislufa li jeccedi s-somma ta' **€5,587.28.**

Anke jekk wiehed jikkoncedi li kien dovut ukoll imghax fuq is-somma ta' €9,310 li l-imputat hallas ghan-nom tal-konjugi Worley in linea ta' taxxa *ad valorem* fuq it-trasferiment tal-fond li sar fis-6 ta' Gunju 2011, qatt ma seta' kien dovut imghax jew qligh iktar minn €620, bl-applikazzjoni tar-rata ta' 8%, sakemm dan l-ammont gie effettivament saldat fit-28 ta' Frar 2012.

Ferm il-premess, jirrizulta illi meta l-imputat thallas lura dak kollu li hareg u dak kollu lilu dovut in linea ta' self u imghax, kien fadal bilanc ta' mill-inqas €56,137.08 mir-rikavat tal-bejgh tal-fond lill-konjugi Galea. L-imghax dovut fuq is-self, kif rajna, kien ilahhaq is-somma komplessiva ta' €5,587.28 u fl-ahjar ipotesi, €6,207.28, li kien ihalli bilanc finali ta' **€49,930** li, skont il-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet, kellu jigi rifuz lill-konjugi Worley. Izda, jirrizulta illi l-imputat hallashom biss is-somma ta' €27,500.

Dan ifisser illi l-imputat definittivament zamm ghalih is-somma ta' **€22,430** iktar in linea ta' korrispettiv ghas-self li ghamel lill-konjugi Worley u dan l-ammont, bla dubju, jirrapprezenta qligh jew imghax b'eccess minn dak stipolat mill-ligi. Effettivament, ghalkemm l-imghax u kwindi l-qligh legittimu dovut lill-imputat

dovut fuq l-ammonti kollha mislufin lill-konjugi Worley kien ilahhaq is-somma ta' **€6,207.28**, l-imputat b'kollox zamm ghalih u b'hekk thallas, xejn inqas minn **€28,638**.

**Dan il-hlas, fil-fehma tal-Qorti, ma huwa xejn hlief hlas ta' korrispettiv ghal self b'eccess minn dak permess mil-ligi, liema hlas isarraf fi qligh maghmul mill-imputat bi ksur tal-Artikolu 298C tal-Kodici Kriminali**. **Wara kollox, filwaqt li fil-fehma tal-Qortu gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi t-transazzjonijiet li saru bejn il-partijiet kienu naxxenti purament minn self li sar lill-parti leza, l-imputat ma sehhlux jikkonvinci lill-Qorti illi l-eccess minnu mizmum u lilu mhallas fuq l-iskrittura tat-28 ta' Frar 2012 jirrapprezenta qligh minn negozju legittimu li dahal ghalih mal-parti leza. Lanqas ma sehhlu juri fuq bilanc ta' probabbilita` f'hiex jikkonsisti l-bilanc minnu mizmum a skapitu tal-parti leza. Il-Qorti temmen illi t-transazzjoni kienet fondata unikament fuq sfruttament evidenti u bla qies tal-parti leza da parti mill-imputat, naxxenti minn ftehim wiehed jew aktar, ta' self. Ma hemmx dubju illi l-imputat kien ben konsapevoli tal-pozizzjoni mweghera tal-parti leza u l-Qorti hija moralment konvinta illi huwa approfitta ruhu mid-dsprament taghhom biex jaghmel profit illegali**.

Ma jirrizulta l-ebda raguni ohra a sodisfazzjoni tal-Qorti ghaliex l-imputat kellu jircievi korrispettiv jew qligh iehor minghand il-parti leza, hlief korrispettiv ghas-self li kkoncedilhom. Dan jirrendi l-korrispettiv konsistenti fil-bilanc minnu mizmum mill-bejgh tal-fond in kwisjtoni, bhala wiehed illegali bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 298C tal-Kap. 9, ghaliex jeccedi l-korrispettiv dovut skont il-ligi bhala korrispettiv jew qligh minn self. Dan qed jinghad anke wara li l-Qorti hadet qies tad-dispozizzjonijiet tas-subinciz (4) tal-Artikolu 298C tal-Kap. 9.

Jigi ribadit illi skont il-gurisprudenza in materja, il-forma tal-ftehim li jista' jigi vantat biex il-mutwant jista' jasal ghall-iskopijiet tieghu, cioe` li jiehu imghax jew jaghmel qligh aktar minn dak li tippermetti il-ligi, m'huwiex relevanti. Fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis illi kif inbiegh il-fond lill-konjugi Galea fis-16 ta' Frar 2012 u kif l-imputat baqa' ma hallasx lill-parti leza dak li kienu ftiehmu meta dawwru l-fond f'ismu fuq il-kuntratt tas-6 ta' Gunju 2011, u *multo magis* meta fuq il-ftehim tat-28 ta' Frar 2012 huwa zamm ghandu ammont li jeccedi dak li kien dovut bhala korrispettiv ghas-self maghmul lill-parti leza, saret il-prova mehtiega tal-element formali ghall-konsumazzjoni tar-reat da parti tal-imputat, cioe` il-konoxxenza li qed jitlob u effettivament jottjeni bhala korrispettiv ghal self, imghax jew qligh b'eccess minn dak permess mil-ligi.

**Hawnhekk, billi l-elementi kollha kostituttivi tar-reat, materjali u formali, jikkonokorru u gew ippruvati li sehhew fiz-zmien specifikat fic-citazzjoni, il-Qorti tqis illi r-reat taht l-Artikolu 298C gie effettivament ikkonsumat u li l-imputat ghandu jinsab hati ta' dan ir-reat.**

B'applikazzjoni ta' dak li jipprovdi s-subinciz (5) tal-Artikolu 298C tal-Kap. 9, il-Qorti tqis illi gie ppruvat lilha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi l-ammont li l-imputat irċieva minghand il-vittmi f'dan il-kaz bhala imghax jew korrispettiv **b'eccess** minn dak li jkun permess bil-ligi, huwa ta' **€22,430**, u sejra ghalhekk tordna lill-istess imputat ihallas lill-parti leza dan l-eccess li jirrizulta li rcieva minghandhom.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 298C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lil EMANUEL ELLUL hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih u tikkundannah multa ta' tmint elef Ewro (€8,000) u prigunerija ghal tnax (12)-il xahar izda, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, is-sentenza ta' prigunerija ma**

**ghandhiex tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tmintax (18)-il xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Bl-applikazzjoni u ghall-finijiet tas-subinciz (5) tal-Artikolu 298C tal-Kapitolu 9, il-Qorti tordna lill-imputat ihallas lil Cyril u Mary Rose konjugi Worley is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u tletin Euro (€22,430), liema ordni ghandu jikkostitwixxi wkoll titolu ezekuttiv a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hati, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B tal-istess Kapitolu 9 jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Dr Rachel Montebello**
**Magistrat**